# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 35**

**Rikors numru 357/12/1 SM**

**Imnara Limited (C 6856), J & A Bonnici Limited (C 9574) u J & A Bonnici (1923) Limited (C 29864)**

**v.**

**Ronald Borg, Carmel Zammit u Raymond Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti Ronald Borg u Carmel Zammit, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, filwaqt li ħelset lill-imħarrek Raymond Zammit mill-ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi kontra

l-imħarrkin l-oħrajn Ronald Borg u Carmel Zammit, u b'hekk sabithom responsabbli personalment għad-dejn li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited' akkumulat fil-konfront tal-istess atturi, wara li waslet għall-fehma li huma kienu xjentement mexxew in-negozju ta' dik il-kumpanija bil-ħsieb ta' frodi tal-kredituri tagħha;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat:*

*"18.0. Illi fir-rigward tal-mertu tal-vertenza in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"18.1. Illi l-artiklu 315 tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kap 386, (minn issa 'l quddiem Kap 386), jistabbilixxi s-segwenti:*

> *"(1) Jekk waqt l-istralc ta' kumpanija sew jekk b'ordni tal-Qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-hsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija jew ta' kredituri ta' xi persuna ohra jew bil-ghan ta' frodi, l-qorti tista' fuq rikors tar-ricevitur ufficjali, jew tal- istralcjarju jew ta' xi kreditur jew ta' xi kontributorju tal-kumpanija, jekk jidhrilha xieraq li taghmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilita` ghal kull jew ghal xi dejn jew responsabbiltajiet ohra tal-kumpanija kif il-qorti tista' tordna";*

*"18.2. Illi mill-operat tas-socjeta` Gelati Riviera Limited il-probabilita` kienet li l-problemi finanzjari minnha subiti kienu ilhom jidhru sa mill-2006;*

*"18.3. Illi dawn is-sinjali kienu jidhru meta l-"working capital" tal-istess socjeta` beda jkun negattiv sa mill-2005, (ara foll 279);*

*"18.4. Illi di piu` l-istess awditur tal-imsemmija socjeta` jkompli jghid li din kellha deficjenza ta' hamest elef tliet mija u wiehed u hamsin euro, (€5,351.00), fil-"cash-flow" taghha, u fl-2005 kellha deficjenza t'erbghat elef tliet mija u tlieta u erbghin euro, (€4,343.00), (ara foll 279);*

*"18.5. Illi s-sitwazzjoni tal-imsemmija socjeta` Gelati Riviera Limited fl-2005 kienet tidher li kienet wahda prekarja, (ara foll 291);*

*"18.6. Illi l-fatt li l-imsemmija socjeta` kellha problemi finanzjarji jirrizulta assodat, (ara foll 278);*

*"18.7. Illi l-ahhar accounts ufficjalment redatti mill-istess socjeta` jirrizulta li kienu dawk tas-sena 2005, u kienu sottomessi fl-2007, (ara foll 278 u 210);*

*"18.8. Illi konsegwentement jirrizulta li kien hemm diversi indikazzjonijiet li kienu qed juru li s-socjeta` in dizamina kellha diversi problemi sa mill-2005;*

*"18.9. Illi nonostante s-suespost, li kollha kienu juru li s-socjeta` de quo ma kienitx ser tkun kapaci thallas lill-krédituri taghha, d-diretturi taghha fuq indikati xorta wahda komplew jordnaw u jixtru minghand is-socjetajiet rikorrenti sa nofs is-sena 2007, (kif anke ammess mill-istess intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a foll 300 paragrafu 4.5.);*

*"Ikkunsidrat:*

*"19. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Albert Mizzi nomine vs. Noel Agius et**, datata s-**7 t'April, 2011**, li fir-rigward irriteniet is-segwenti:*

> *"Fir-rigward ta' fraudulent trading, qabel il-kaz ta' R. v. Grandham tal-1984, is-sentenzi kienu jghidu li "a proper inference of intent to defraud could be made if a company continues to carry on business and to incur debts at a time when there is to the knowledge of the directors no reasonable prospect of the creditors ever receiving payment";*

*"20. Illi sussegwentement l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti tkompli tghid is-segwenti fir-rigward:*

> *"L-ezami ta' din il-qorti huwa essenzjalment soggettiv izda hemm ukoll konsiderazzjonijiet oggettivi. Huwa b'ezami akkurat ta' dawn iz-zewg elementi li din il- qorti tista' tasal ghal konkluzjoni korretta. Fl-Art. 315 (1) jinghad x'jikkostitwixxi kummerc bi frodi pero` "frodi" ut sic mhix definita;*
>
> *"Fis-sentenza '**Dalli vs Attard'** deciza fis-**26 ta' Gunju 1961** mill-**Qorti tal-Appell** saret referenza ghal Laurent **(Vol XV para 253**) fejn inghad li "La frode assume come Proteo, mille ed una forma. E` una questione di fatto". Fl-istess sens ighid **Farrar** f'pagna 336 et seq tal-**ktieb "Fraudulent Trading" (1980)** – The term 'fraud' has different meanings depending in which context it is used";*

*"Ikkunsidrat:*

*"21. Illi gialadarba jirrizulta li kien palezi li l-obbligu tal-pagament ghall-merkanzija ordnata u mixtrija mill-intimati ma kienx ser jigi onorat stante li l-finanzi tas-socjeta` Gelati Riviera Limited kienu fin-negattiv, allura*

*ghandu jkun pacifiku li b'hekk is-socjeta` de quo kienet qed titmexxa b'mod li tiddefrawda l-kredituri taghha;*

*"22. Illi mill-kumpless tal-provi prodotti in atti jirrizulta li l-agir tal-intimati kien tali li jerreka hsara lill-kredituri tas-socjeta` rikorrenti;*

*"23. Illi l-fatt li l-intimati komplew jinnegozjaw f'sitwazzjoni li huma kienu jafu li ma setghux jonoraw l-obbligi minnhom assunti jammonta ghall-kummerc qarrieqi ghad-dannu tas-socjetajiet rikorrenti;*

*"24. Illi di piu`, biex ikomplu jevadu l-possibilita` li jaghmlu tajjeb ghad-djun li akkumulaw bl-assi li kellhom, ittrasferew l-istess assi, komposti fl-impjant u makkinarju, lil socjeta` ohra u dan, anke minghajr ma informaw lill-kredituri taghhom;*

*"Ikkunsidrat:*

*"25. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Electronic Products Limited vs. Emanuel Micallef et**, datata l-**4 ta' Marzu, 2010**, fejn ikkwotat lill-**Professur Andrew Muscat** fl-opus tieghu "**Principles of Maltese Company Law**" li jsosstni s-segwenti:*

> *"The test will however be satisfied where directors allow a company to incur credit when they have no reason to think that the creditors will ever be paid. It can also be satisfied where the directors obtain credit at a time when they have no good reason to believe that funds will become available to pay the creditors when their debts become due or shortly thereafter";*

*"Ikkunsidrat:*

*"26. Illi in vista tal-premess jirrizulta ghalhekk palezi li d-diretturi tas-socjeta` Gelati Riviera Limited irrendew irwiehhom responsabbli personalment ghad-djun inkorsi mis-socjeta` de quo favur is- socjetajiet rikorrenti;*

*"27.0. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetajiet rikorrenti ippruvaw il-kaz taghhom fil-mertu kif fuq sintetikament delineat .. .. "*;

3. Il-konvenuti Ronald Borg u Carmel Zammit (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti") ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'rikors imressaq fit-3 ta' April, 2018, u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbu lill-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn*

*illiberat lil Raymond Zammit mill-osservanza tal-ġudizzju, tirrevoka l-konklużjonijiet l-oħra kollha illi waslet għalihom l-Ewwel Onorabbli Qorti, tiċħad it-talbiet tal-kumpanniji appellati u tilqa' l-aggravju tal-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanniji appellati"*;

4. Il-kumpaniji 'Imnara Limited', 'J & A Bonnici Limited' u 'J & A Bonnici (1923) Limited' (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-kumpanniji appellati") laqgħu għall-appell billi qalu li l-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti hija ġusta u b'hekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

8. B'din l-azzjoni l-kumpaniji appellati, qegħdin jixlu lill-appellanti li mexxew in-negozju tal-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited', bil-għan ta' frodi jew bi ħsieb ta' frodi tal-kredituri tal-istess kumpanija, u dan għar-raġuni li l-konvenuti baqgħu jordnaw u jixtru x-xogħol mingħandhom, kif

ukoll jagħmlu użu mit-termini ta' kreditu li kienu ngħatawlhom, u dan fi żmien li allegatament kienu jafu bl-'insolvenza inevitabbli' ta' 'Ġelati Riviera Limited'. Fuq is-saħħa ta' hekk u b'riħet l-Artikolu 315 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kumpaniji appellati talbu lill-Ewwel Qorti biex issib lill-istess konvenuti personalment responsabbli, mingħajr ebda limitazzjoni, għad-dejn kollu li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited' kellha fil-konfront tagħhom;

9. B'sentenza tal-15 ta' Marzu, 2018, l-Ewwel Qorti dehrilha li l-konvenuti appellanti tassew komplew jinnegozjaw f'ċirkustanzi li fihom huma kienu jafu li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited' ma kinitx f'qagħda li twettaq l-obbligi finanzjarji li kienet qed tidħol għalihom, u b'hekk żammet lill-konvenuti appellanti responsabbli b'mod personali u dan għall-flejjes kollha li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited' kellha tagħti lill-atturi;

10. Dawn il-konklużjonijiet ma niżlu xejn tajjeb mal-appellanti u fir-rikors tal-appell tagħhom qegħdin ifissru li għajr għad-deċiżjoni sa fejn għandha x'taqsam mal-ħelsien mill-ħarsien tal-ġudizzju tal-imħarrek Raymond Zammit, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ta' fatti u tal-liġi li huwa għalkollox żbaljat. Jgħidu li mill-provi li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti ma setgħetx, 'lanqas b'mod remot', tqis li ġew sodisfatti l-elementi li trid il-liġi sabiex jinsabu ħatja għall-kummerċ bi frodi, u wara li

jissottomettu fit-tul dwar l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tkun tista' ssib ħtija b'riħet l-Artikolu 315 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jirreferu għall-provi li tressqu fl-atti biex jispjegaw kif dawn l-elementi ma jirriżultawx. F'dan ir-rigward, jirreferu b'mod partikolari għax-xhieda ta' Steven Galea li kien l-awditur tal-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited', u fost osservazzjonijiet oħra, jgħidu li minn dik ix-xhieda jirriżulta li: (i) s-sitwazzjoni tal-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' qabel is-sajf tas-sena 2007 ma kinitx allarmanti; (ii) li huma ngħataw parir li jieqfu wara li kienu diġà laħqu ordnaw ix-xogħol mingħand l-appellati għall-istaġun tas-sajf 2007; u (iii) li bħala diretturi huma kienu joqogħdu fuq il-parir tiegħu, tant li malli nformahom li seta' jkun hemm xi problemi, huma raw kif għamlu sabiex jieqfu joperaw b'dik il-kumpanija u komplew jirrikorru għall-pariri professjonali. B'rabta ma' dan jirreferu għall-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti, speċifikatament f'paragrafi 18 u 21 tas-sentenza appellata, u jisħqu li dawk il-konklużjonijiet mhux talli mhumiex imsejsa fuq xi provi, iżda saħansitra jirriżultaw kontradetti bix-xhieda indipendenti tal-awditur li qal mingħajr tlaqliq li fis-snin 2005 u 2006 ma kienx hemm problemi finanzjarji, u li kien huwa stess li tahom parir li setgħu jkomplu joperaw bil-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd';

11. B'żieda ma' dan, l-appellanti jilmentaw ukoll li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni li huma biegħu l-impjant tal-kumpanija tagħhom lil 'Ġelati Mezzan Limited' u dan *"biex ikomplu jevadu l-*

*possibbiltà li jagħmlu tajjeb għad-djun li akkumulaw bl-assi li kellhom".* F'dan ir-rigward, jirreferu għax-xhieda tal-avukat Louis deGabriele u jfakkru li dan spjega kif it-tali negozju mhux biss sar għall-prezz tajjeb iżda kien kruċjali għaliex twettaq fl-interess assolut tal-kredituri ta' 'Ġelati Riviera Ltd'. Minbarra li jerġgħu jirreferu għax-xhieda tal-awditur Steven Galea, li dan ukoll wera l-fehma li l-prezz li bih inbiegħ dak l-impjant kien "meqjus bħala prezz tajjeb ħafna", jissottomettu li mill-provi ħareġ kif dawn il-flejjes marru biex jitħallsu l-kredituri tal-kumpanija u huma 'ma ħadux sold minn din it-tranżazzjoni'. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellanti mbagħad jagħlqu billi jgħidu li f'dan il-każ mhux biss ma saritx il-prova li kien hemm xi ħsieb frawdolenti min-naħa tagħhom, iżda saħansitra rriżulta propju l-kuntrarju;

12. Il-kumpaniji appellati jilqgħu għal dan kollu billi jibdew biex ifakkru li f'materja ta' apprezzament ta' provi, din il-Qorti m'għandhiex b'ħeffa tiddisturba l-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti, u dan sakemm ma jkunx jidher li l-apprezzament tal-Ewwel Qorti kien tant żbaljat li, jekk jitħalla mhux mittiefes, tiġi mwettqa inġustizzja. Sabiex isostnu kemm il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba, jirreferu għax-xhieda tal-avukat Louis deGabriele u jgħidu li meta eżamina l-kontijiet tal-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited' dan deherlu li s-sitwazzjoni prekarja tagħha 'kienet ovvja'. B'rabta ma' dan jargumentaw li l-avukat deGabriele seta' biss eżamina l-kontijiet tas-sena 2005, u dan għaliex mix-xhieda tal-

awditur Steven Galea rriżulta li dawk kienu l-aħħar kontijiet li kienu mħejjija minn 'Ġelati Riviera Ltd'. Fuq is-saħħa ta' hekk jissottomettu li fl-2005 diġà kien hemm indikazzjonijiet ċari li l-kumpanija tal-appellanti ma setgħetx tkompli bin-negozju tagħha, u jgħidu li minkejja dan, il-konvenuti appellanti xorta waħda komplew jordnaw u jixtru mingħandhom, u dan anke meta kienu jafu li kien hemm probabbilità jekk mhux ċertezza kbira li ma kinux se jlaħħqu mal-obbligi tal-ħlas. Ifakkru li l-appellanti kellhom kull jedd u ċans li jixhdu f'din il-kawża sabiex jikkontestaw dak kollu allegat u 'ppruvat' minnhom, madankollu dawn baqgħu m'għamlux hekk u dan għar-raġunijiet 'li wieħed faċilment jista' jippreżumi għala'. Jagħlqu mbagħad billi jirreferu għal dak li jikteb il-Professur Andrew Muscat fil-ktieb '*Principles of Maltese Company Law'* u sewwasew fejn jgħid li t-test tal-ħsieb jew l-intenzjoni tal-frodi mitluba fl-Artikolu 315 tal-Kap. 386 huma meqjusa sodisfatti: "*... where directors allow a company to incur credit when they have no reason to think that the creditors will ever be paid. It can also be satisfied where the directors obtain credit at a time when they have no good reason to believe that funds will become available to pay the creditors when their debts become due or shortly thereafter*";

13. Wara li qieset l-argument tal-partijiet u dan kemm fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet li ġew mogħtija fis-sentenza appellata, kif ukoll fid-dawl tal-provi kollha li tressqu fl-atti, din il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-appellanti huma tassew mistħoqqa;

14. Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li, fil-prinċipju, l-intenzjoni tal-frodi li titnissel fil-ġewwieni tal-bniedem, tista' tiġi ppruvata billi fost l-oħrajn jintwera li l-persuna mħarrka tkun xjentement kompliet tgħabbi lill-kumpanija bi djun li ma kien hemm l-ebda prospetti raġonevoli li jitħallsu meta jkunu ser isiru dovuti[1]; min-naħa l-oħra, din il-Qorti ma taqbel xejn mal-Ewwel Qorti li f'dan il-każ jirriżulta ppruvat li l-konvenuti mxew b'dan il-mod qarrieqi[2]. Hekk ukoll din il-Qorti lanqas ma tista' b'xi mod jew ieħor taqbel mal-Ewwel Qorti li: "*biex ikomplu jevadu l-possibilità li jagħmlu tajjeb għad-djun li akkumulaw bl-assi li kellhom, ittrasferew l-istess assi, komposti fl-impjant u makkinarju, lil soċjetà oħra u dan, anke mingħajr ma informaw lill-kredituri tagħhom*"[3];

15. Għalkemm ma jistax jingħad li ma ġiex ippruvat li, l-appellanti baqgħu għaddejin bin-negozju tal-kumpanija, inkluż billi komplew jixtru l-merkanzija mingħand l-kumpaniji appellati, u dan anke wara li mill-kontijiet awditjati għas-sena finanzjara 2005 irriżulta li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' kienet għamlet telf u l-'*working capital'* kien fin-negattiv[4], dan

---

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta' ***Dr. Andrew Borġ Cardona noe v. Victor Żammit et.*** deċiża minn din il-Qorti fl-**14 ta' Mejju, 2010**, (App. Ċiv. 27/2003/1), u ***Galleria Management Limited v. Angele Calleja et.***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-**31 ta' Ottubru 2017**, (1109/2015JZM) (mhux appellata), u dan flimkien mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti mogħtija f'§ 25 tas-sentenza appellata. Ta' relevanza partikolari hija wkoll, Taqsima 2.3.2 ta' Kapitolu 5 ta' Volum I, tal-ktieb *'Principles of Company Law',* miktub mill-Professur Andrew Muscat u ppublikat mill-istamperija tal-Università ta' Malta fis-sena 2019 (paġ. 358 sa 367).
[2] Ara §§ 18.9 u 21 sa 23 tas-sentenza appellata.
[3] Estratt meħud minn § 24 tas-sentenza appellata.
[4] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Steven Galea, li ġiet mogħtija waqt is-seduta li nżammet fl-20 ta' Jannar, 2016, fol 279.

il-fatt waħdu ma seta' qatt iwassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li l-konvenuti kienu jafu li dik il-kumpanija ma kellhiex prospetti raġonevoli li tħares l-obbligi finanzjarji li kienet qed tidħol għalihom, jew inkella li l-konvenuti kienu qed imexxu l-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' bil-għan li jiffrodaw lill-kredituri tagħha[5]. Kif fisser l-awditur tal-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd', li l-fehma professjonali tiegħu tikkwalifika bħala xhieda ammissibli b'riħet l-Artikolu 563A tal-Kap. 12, kumpaniji li jirreġistraw telf bħalma rreġistrat dik il-kumpanija għas-sena 2005 ma jistgħux jitqiesu li huma falluti. B'mod aktar speċifiku, l-istess awditur fisser li minkejja li għas-sena finanzjarja 2005, il-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited' kienet tabilħaqq irreġistrat telf u l-*'working capital'* kien fin-negattiv, ***"is-sitwazzjoni tas-Soċjetà Ġelati Riviera Limited ma kienitx allarmanti u allura wieħed ikompli jinnegozja***"[6]. Din ix-xhieda tal-awditur hija mbagħad ukoll sostnuta minn dak li tniżżel fir-rapport u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-sena 2005, li għaddew minn taħt l-għarbiel tal-istess awditur, u li taħt it-titolu *'Risk Management Policies',* sewwasew tniżżel li: ***"[l]iquidity risk is limited as <u>the company has sufficient funding resources and the ability to raise finance to meet its financial</u>***

[5] Kemm il-Professur Andrew Muscat kif ukoll l-awtriċi Brenda Hanningan jesprimu l-fehma li d-diretturi m'għandhomx jinsabu ħatja għall-kummerċ bi frodi fuq il-fatt waħdieni li komplew jinnegozjaw bil-kumpanija u dan meta l-finanzi tal-kumpanija jkunu fin-negattiv. Pereżempju din tal-aħħar tikteb *"proving that the company continued to trade while insolvent is not enough. The person bringing the action must prove that the respondent has carried on business with intent to defraud creditors or for any fraudulent purpose".* (Ara: Brenda Hanningan, ***Company Law,*** (Butterworths, 2003), paġ. 843, u Prof. A. Muscat, ***Principles of Maltese Company Law,*** (Malta University Press, 2019) Vol. I, Kap. 5, paġ. 365).
[6] Ara t-traskrizzjoni ta' xhieda tal-awditur Steven Galea, mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti waqt is-seduta tal-20 ta' Jannar, 2016, fol. 279.

***<u>obligations as these arise.</u>”***.[7] Kliem ċar bħal dan, li ma ġiex kontradett b'xi provi konkreti oħra, juri kif minn tal-inqas sa tmiem is-sena finanzjarja 2005, il-konvenuti ma kellhomx xi ħjiel li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' ma kinitx se tkun f'qagħda li tkompli għaddejja bin-negozju tagħha u li ma kienx hemm prospetti raġonevoli li twettaq l-obbligi finanzjarji li kienet qed tkompli tidħol għalihom fil-kors ordinarju tagħha tan-negozju;

16. Hekk ukoll lanqas ma ġie ppruvat li l-appellanti kellhom xi ħjiel li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' ma kinitx f'qagħda li tħallas għall-prodotti li kienet qed tixtri mingħand il-konvenuti, u dan għas-snin 2006 u l-istaġun tas-sajf 2007. B'kuntrast għas-sena finanzjarja 2005, f'dan ir-rigward, ma tressqu l-ebda kontijiet tal-kumpanija sabiex il-Qorti tkun f'qagħda li tistħarreġ l-andament finanzjarju ta' din il-kumpanija, u dan għal dawn is-sentejn ta' qabel ma' l-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' għalqet il-bibien tagħha darba għal dejjem. Għalkemm l-appellati qed jippruvaw jgħattu dan in-nuqqas billi jagħtu l-impressjoni li m'hemm l-ebda kontijiet oħrajn għaliex l-aħħar *'audited financial statements'* li ġew sottomessi mill-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' kienu għas-sena finanzjarja 2005, kieku riedu, l-appellati xorta waħda setgħu pprovdew din l-informazzjoni billi ressqu lill-konvenuti bħala xhieda u talbuhom jippreżentaw kopja tal-*'management accounts'* jew tal-kotba tal-kummerċ ta' dik il-kumpanija, u dan għas-snin 2006 u 2007 rispettivament. Għar-raġunijiet li jafu huma,

---

[7] 'Dok. SG', fol. 267.

l-appellati però naqsu għalkollox milli jagħmlu dan, u fin-nuqqas ta' provi daqstant essenzjali din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li *"jirriżulta li kien pależi li l-obbligu tal-pagament għall-merkanzija ordnata u mixtrija mill-intimati ma kienx ser jiġi onorat..."*[8] u wisq anqas li kien hemm il-fehma min-naħa tal-appellanti li jiffrodaw lill-kredituri tal-imsemmija kumpanija;

17. F'kull każ, din il-Qorti lanqas ma jidhrilha li hemm xi provi oħrajn li b'xi mod jew ieħor jistgħu jsostnu x-xilja tal-appellati u l-konklużjonijiet li ġew milħuqa mill-Ewwel Qorti. Pjuttost, il-provi huma kollha kuntrarji. Pereżempju, mir-rendikonti li jiddokumentaw it-tranżazzjonijiet li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' għamlet mal-kumpaniji appellati 'J&A Bonnici Ltd' u 'J&A Bonnici (1923) Ltd', rispettivament, jirriżulta li, b'kuntrast għas-sena 2005, fis-sena 2006, il-kumpanija tal-appellanti mhux biss irnexxielha tħallas ix-xogħol kollu li kienet ordnat mingħand dawk il-kumpaniji għal dik is-sena, iżda saħansitra rnexxielha taqta' parti sostanzjali mill-bilanċi pendenti li kellha tagħti lil dawk il-kumpaniji għas-snin ta' qabel[9]. Fil-fehma tal-Qorti, ċirkustanzi bħal dawn la juru li l-kumpanija tal-appellanti kienet fl-istat imwiegħer li qed ipinġuha fih l-atturi appellati, u wisq anqas ma jippruvaw li sa wara l-istaġun tas-sajf 2006 il-konvenuti appellanti kellhom xi raġuni partikolari għalfejn jaħsbu li l-

[8] Silta meħuda minn § 21 tas-sentenza appellata.
[9] Ara 'Dok AA1' u 'Dok AA2', fol, 271 u 273 rispettivament.

kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' ma kinitx f'qagħda li setgħet tibqa' twettaq l-obbligi li kienet qed tidħol għalihom fil-kors ordinarju tan-negozju;

18. Ta' aktar sustanza hija mbagħad ix-xhieda ta' Steven Galea li, minbarra li kien l-awditur tal-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd', ġie wkoll imqabbad bħala konsulent mill-istess kumpanija. B'mod partikolari, dan ix-xhud fisser li minħabba n-natura staġjonali tan-negozju ta' dik il-kumpanija,"*l-pożizzjoni finanzjarja tas-soċjetà bħal dik in diżamina tkun taf[ha] biss fl-aħħar tal-istaġun, bejn wieħed u ieħor wara Settembru*"[10]. F'dan ir-rigward, l-istess xhud għamilha wkoll ċara li filwaqt li huwa ma kienx tal-fehma li l-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' kellha tagħlaq il-bibien tagħha wara s-sajf tas-sena 2006[11], meta mbagħad ġew għall-bidu ta' Ottubru tas-sena 2007, huma kienu ndunaw bil-problemi finanzjarji tal-kumpanija[12] u kien biss wara li ra l-bejgħ li kienet għamlet dik il-kumpanija f'dak is-sajf u eżamina l-*'management accounts'*[13], ittieħdet deċiżjoni li dik l-kumpanija ma kinitx aktar vijabbli u li ma kellhiex tkompli għaddejja bin-negozju tagħha[14];

[10] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Steven Galea, mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2015, fol 247.
[11] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Steven Galea, mogħtija waqt is-seduta tal-20 ta' Jannar, 2016, fol. 279.
[12] *Ibid*. fol 278 sa 280.
[13] Ara traskrizzjoni tax-xhieda ta' Steven Galea, mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2015, fol 246 – 8
[14] *Ibid.*

19. Fil-fehma tal-Qorti, il-kumpaniji appellati ma setgħux jirribattu dan kollu b'suċċess fuq is-saħħa tal-argument li skont l-avukat Louis deGabriele, is-sitwazzjoni 'prekarja' tal-kumpanija 'Ġelati Riviera Ltd' kienet tidher *"ovvja"* u dan sa mill-kontijiet tas-sena 2005. Għalkemm huwa minnu li fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 2017, l-avukat deGabriele stqarr li meta eżamina l-*"l-accounts"* ta' dik il-kumpanija *"s-sitwazzjoni prekarja tagħha kien jidher ovvju"*[15], l-avukat deGabriele qatt ma semma li huwa kien qed jirreferi għall-*'audited accounts'* tas-sena 2005, anzi għamilha ċara li *"**kemm kienet ilha għaddejja b'dawn il-problemi ma nistax ngħid**"*[16]. Hekk ukoll, meta ġie biex jikteb l-affidavit tiegħu u jirrakkonta kif il-konvenuti kienu marru jfittxu l-pariri professjonali tiegħu għall-aħħar tas-sena 2007, l-avukat deGabriele lanqas ma rrefera għall-kontijiet awditjati li qed jirreferu għalihom l-appellati[17]. L-appellati ma jistgħux għalhekk isibu xi sostenn fix-xhieda tal-avukat deGabriele, u kif jgħidu sewwa l-appellanti, minn dik ix-xhieda jirriżulta sewwasew il-kontra, jiġifieri li huma wrew ċertu kawtela u għaqal billi mhux biss fittxew l-għajnuna professjonali ta' awditur u ta' avukat, iżda wkoll semgħu mill-pariri professjonali tagħhom tant li waqfu jinnegozjaw u ppruvaw jagħmlu dak li setgħu fl-interess assolut tal-kredituri[18]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-imġiba tixhed in-nuqqas ta' ħażen fl-appellanti li jiffrodaw jew iqarrqu bil-kredituri tal-kumpanija tagħhom u kif ukoll in-nuqqas ta' diżonestà, li

---

[15] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami tal-Avukat Dr. Louis deGabriele mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu, 2017, fol 291.
[16] *Ibid.*
[17] Ara l-affidavit tal-avukat Dr. Louis deGabriele, 'Dok. AN', fol. 283.
[18] *Ibid.*

jitiesu bħala l-kejl li bih wieħed isib l-element tan-negozju frawdolenti jew b'ingann[19];

20. Sfiq ma' dan, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti għandhom ukoll raġun meta jgħidu li qed iħossuhom aggravati bil-fatt li l-Ewwel Qorti qieset li l-għan wara l-bejgħ tal-impjant u l-makkinarju tal-kumpanija 'Ġelati Rivera Ltd' lill-kumpanija 'Ġelati Mezzan Ltd' kien sewwasew "*biex ikomplu jevadu l-possibbiltà li jagħmlu tajjeb għad-djun li akkumulaw bl-assi li kellhom*"[20]. Mill-provi u b'mod partikolari mill-affidavit u l-kontroeżami tal-avukat de Gabriele jirriżulta li din it-tranżazzjoni saret għall-benefiċċju waħdieni tal-kredituri, tant li l-appellanti ma ħadu xejn minn din it-tranżazzjoni, u d-dħul kollu mar biex jitħallsu l-kredituri privileġġjati[21]. L-appellati ma ġabu l-ebda prova li huma kienu jgawdu minn xi preferenza aqwa mill-bqija tal-kredituri li ġew imħallsa mill-kumpanija tal-konvenuti, u għaldaqstant, anke f'dan is-sens ma jistax jingħad li din it-tranżazzjoni saret bi ħsara jew bi frodi għall-jeddijiet tal-appellati. Hekk ukoll ma jistax jingħad li din it-tranżazzjoni ma saritx b'rieda tajba, għaliex kemm l-avukat deGabriele kif ukoll l-awditur Steven Galea kkonfermaw kif il-prezz li bih ġie mibjugħ l-impjant kien wieħed "*tajjeb ħafna*"[22];

[19] App. Ċiv. **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Electronic Products Ltd v. Emanuel Micallef et.***
[20] Silta meħuda minn § 23 tas-sentenza appellata.
[21] Ara t-tielet, ir-raba' u l-ħames paragrafi tal-affidavit tal-avukat Louis deGabriele, 'Dok AN', fol. 283.
[22] *Ibid.* Ara wkoll f'dan is-sens it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-awditur Steven Galea, mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2005, fol 246 -7.

21. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tistax għalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti li l-konvenuti appellanti mexxew il-kumpanija 'Ġelati Riviera Limited' "*b'mod li tiddefrawda l-kredituri tagħha*" jew bl-għan "*li jirreka ħsara lill-kredituri*". Kif ingħad qabel, l-intenzjoni jew il-ħsieb tal-kummerċ bi frodi huwa element meħtieġ biex tabilħaqq jista' jingħad li jkun sar kummerċ bħal dak għall-għanijiet tal-liġi. Ġaladarba li ma kellux jitqies li ġie ppruvat dan l-ingredjent tant fundamentali għall-azzjoni bħal dik tal-lum, it-talbiet tal-atturi ma kellhomx jintlaqgħu u din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' għalkollox l-appell tal-konvenuti;

**Decide:**

22. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell** tal-konvenuti Ronald Borg u Carmel Zammit mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi u qiegħda għalhekk **tirriformaha** billi:

**(i)** tħassarha f'dik il-parti li fiha ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Ronald Borg u Carmel Zammit, u minflok tilqa' dik l-eċċezzjoni;

**(ii)** tħassarha wkoll f'dik il-parti li fiha laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti Ronald Borg u Carmel Zammit u, minflok, tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi fil-konfront tagħhom;

**(iii)** konsegwentement tħassaraha f'dik il-parti fejn ordnat lill-konvenuti appellanti Ronald Borg u Carmel Zammit sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-proċeduri u, minflok, tikkundanna lill-kumpaniji attriċi appellati 'Imnara Limited', 'J & A Bonnici Limited', u 'J & A Bonnici (1923) Limited', flimkien u solidalment bejniethom, sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-proċeduri kemm dawk quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll ta' dan l-appell; u

**(iv)** mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm